FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Numru 14**

**Avviz. numru 648/01JR**

**Abigail Dimech**

**vs**

**Simon Woodhead**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 t'Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm345.74), u fejn intqal:**

**Illi waqt li l-attrici kienet tinsab fil-vettura taghha, FIAT Uno b'numru ta' registrazzjoni FAU-853, il-vettura Escort li ggib in-numru ta' registrazzjoni IAJ-101, misjuqa mill-konvenut, irriversjat ghal fuq il-vettura taghha bil-konsegwenti ta' danni;**

**Illi l-incident sehh tort unikament tal-konvenut li kien qed isuq b'negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, meta kien fis-sakra;**

**Illi d-danni sofferti fil-vettura ta' l-attrici jammontaw ghal tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija erbgha u sebghin centezmu (Lm345.74);**

**Ghaldaqstant intalab li t-Tribunal:**

i. **jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta' Mejju, 2001;**

ii. **jillikwida d-danni sofferti minhabba l-incident;**

iii. **jikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Abigail Dimech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni bejn il-vettura FAU-853 misjuqa mill-attrici u l-vettura IAJ-101 misjuqa mill-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut kien quddiem l-attrici u rriversja fuqha u laqatha. M'hemmx dubju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut li ma kienx attent waqt li qed jaghmel il-manuvra tar-reverse.**

**Id-danni huma dawk li jirrizultaw mid-Dok.AD1 u AD2, fl-ammont ta' tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm345.74).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, stante li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm345.74).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**